



Brussell, 20 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9260/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0080(COD)

CODEC 734
MI 403
ENT 69
ENV 447
PE 53

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tal-estensjoni tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, 18-19 ta' Mejju 2022)

I. INTRODUZZJONI

Fl-11 ta' Mejju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

F'dan il-kuntest, wara li l-plenarja approvat it-talba tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel biex jipproċedi skont ir-Regola 163 (proċedura urġenti) fit-18 ta' Mejju 2022, dan il-Kumitat ressaq il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament. Ma ġiet ippreżentata ebda emenda.

II. VOTAZZJONI

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fid-19 ta' Mejju 2022 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P9_TA(2022)0210

Regolament (UE) 2016/1628: Estensjoni tas-setgħa biex tadotta atti delegati *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tal-estensjoni tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati (COM(2022)0113 – C9-0119/2022 – 2022/0080(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: L-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0113),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0119/2022),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Mejju 2022¹,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-11 ta' Mejju 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Mejju 2022 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tal-estensjoni tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

² Opinjoni tat-18 ta' Mejju 2022 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

³ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2022.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet essenzjali dwar l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi ċertu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati f'atti delegati. L-Artikolu 55(2) ta' dak ir-Regolament ta' dik is-setgħa lill-Kummissjoni għal perjodu limitat ta' ħames snin. Dak il-perjodu skada fis-6 ta' Ottubru 2021. Hemm il-ħtieġa li xi wħud minn dawk l-atti delegati jiġu aġġornati biex jittqies il-progress tekniku u biex jiġu introdotti emendi oħra f'konformità mal-għoti ta' setgħa, inkluż fir-rigward ta' att delegat li jistabbilixxi rekwiżiti dwar il-monitoraġġ fis-servizz għall-magni b'kombustjoni interna installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġu adottati atti delegati ġodda skont l-għoti tas-setgħa. Għalhekk, is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati jenħtieġ li tiġi estiża u jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-possibbiltà ta' estensjonijiet ulterjuri.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti ta' emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53).

- (2) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1628 jiġi emendat skont dan.
- (3) Minħabba li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġġettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2016/1628, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 19(2), l-Artikolu 24(11), l-Artikolu 25(4), l-Artikolu 26(6), l-Artikolu 34(9), l-Artikolu 42(4), l-Artikolu 43(5) u l-Artikolu 48 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' għaxar snin mis-6 ta' Ottubru 2016. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard mis-6 ta' Jannar 2026 u disa' xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu ta' ħames snin sussegwenti. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi ta' ħames snin, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.'.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President